Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 31- It-Tlieta 18 ta' Jannar 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2022 fit-3:00 ta' wara nofsinhar.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**33.1 Talba**

**33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

33.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**33.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

33.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 31.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

31.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal fatt li l-attivitajiet tal-Milied irnexxew fil-massimu tagħhom u kellna coverage tajjeb ħafna anke fuq il-media, TV, facebook u anke fuq Għawdex Illum. Huwa spjega li kemm hu kif ukoll il-Viċi Sindku kellhom diversi ntervisti li lkoll kienu ta' promozzjoni għal Kunsill u l-lokalita tagħna.

31.4.2 Is-Sindku ħabbar bi pjaċir li wara li applikajna għall-iskema Skema għal-Għotjiet fil-Kommunita' 2021 mnedija mill-Ministeru għall-Inklużżjoni, Kwalita' tal-Hajja u l-Għaqdiet Volontarji, intagħżilna mar-rebbieħa u ser nibbenefikaw minn €5000 li għandhom jintefqu f'tactiled tiles għar-rampi, railing u platform fix-Xatt l-Aħmar. Il-premjazzoni ta' dan il-premju ser issir nhar il- 25 ta' Jannar 2022. Il-Kunsill esprima s-sodisfazzjon tiegħu għar-rebħ ta' dan il-Premju.

31.4.3 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għall-applikazzjoni tal-MOC Awards 2021. Huwa spjega kif għal din is-sena, applikajna permezz tal-attivitajiet sportivi u inizjattivi li nedejna b'mod speċjali bit-trakka tar-roti. Iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premju kellha ssir f'Jannar iżda minħabba ċ-ċirkustanzi tal-Covid ser ssir f'Marzu.

31.4.4 Is-Sindku rrefera wkoll għall-applikazzjoni li ssottomettejna sabiex Għajnsielem jintagħżel għal-Best Location for Filming Award – Malta Films Commision. Bħala siti f'Għajnsielem għażilna Kemmuna u Bethlehem f'Għajnsielem. Iċ-Ċerimonja ser tinżamm fid-29 ta' Jannar 2022 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi.

31.4.5 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għat-talba li kellu minn xi bdiewa sabiex jitneħħa it-terrapien fi Triq Bordin li ġie mormi llegelament. Is-Sindku propona sabiex b'xi mod niġbru dan it-terrapien, jitwitta bil-ħamrija u jinżergħu xi siġar biex b'hekk naqtgħu r-radam illegali u nkunu qed insebbħu u nħaddru l-madwar. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

31.4.6 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-appell tal-applikazzjoni ta' Sheep Farm fi Triq il-Qigħan, liema appell imiss jinstema' fid- 29 ta' Marzu 2022. Huwa rrefera għal-laqgħa li kellna mal-Avukata Claire Bonello fejn qed tissuġerilna li niksbu affidavit mingħand ir-residenti sabiex inressquhom għall-appell. Is Sindku propona li nagħmlu laqgħa mar-residenti kollha biex nispjegawlhom xi jrid isir.

31.4.7 Is-Sindku rrefera wkoll għall -appell tas-Solar Farm li jinsab għar-*refusal*.

31.4.8 Is-Sindku rrefera għar-ringrazzjament li kellna mill-Kap tal-iskola Primarja għall-inizjattivi li norganiżżaw flimkien mal-iskola inkluż l-introduzzjoni tal-mini libraries u anke l-attivitajiet permezz ta' karattri li norganiżżaw waqt il-ħin tal-ħruġ tal-iskola f'xi attivita' partikolari. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon dan ir-ringrazzjament li jimmotivah għall-aktar ħidma flimkien mal-istituzzjoni edukattiva tal-lokal tagħna.

31.4.9 Is-Sindku rrefera għall- issue taħraq li kellna mal-Primary Healthcare dwar l-użu tal-Berġa. Huwa rrefera għat-talba li kellna mingħand NGO li tgħin lil tfal bl-awtiżmu sabiex issir xi terapija one-to-one u offrejnilhom l-użu tal-Berġa tagħna peress li riedu kamra kunfidenzjali. Is-Sindku spjega kif x'ħin morna biex nuruhom il-kamra sibna li ċ-ċavetta tagħna ma taqbilx u x'ħin ikkuntatjajna lill-uffiċjal mid-Dipartiment tas-Saħħa li kien qed jagħmel użu mill-Berġa bħala uffiċċju tal-Healthcare, sibna li nbidlet is-serratura. Aħna ġbidnilhom l-attenzjoni u tlabna ċavetta u anke l-użu tal-kamra x'ħin ikollna bżonn u bqajna bla ċavetta u bla risposta. Wara xi jiem innotajna wkoll li kien qed isir xi tqattigħ fl-istruttura tal-faċċata tal-berġa mingħajr ma biss innotifikawna bihom. X'ħin innotajna li t-talbiet tagħna ġew għal kemm il-darba njorati, tlabna li l-berġa titbattal u tingħata lura lilna għall-użu tagħna. Is-Sindku spjega kif iddispjaċina ferm li kellna nieħdu din is-sitwazzjoni iżda mhux aċċettabli li l-berġa, minflok tintuża għall-beneffiċċju tar-residenti bdiet tintuża bħala estensjoni ta' uffiċini tal-Healthcare. Wara diversi emails fejn saħansitra anke ġie

kkupjat il-Ministru Fearne, il-berġa tbattlet u ngħatat lura lilna nkluż iċ-ċavetta. Minn go fiha issa qed jingħataw servizzi temporanji lit-tfal bl-awtiżmu nkluż tfal mil-lokalita' tagħna. Il-Kunsill faħħar din l-inizjattiva u li l-premissi tal-Kunsill għandhom jintużaw għal kull tip ta' servizz li jista jingħata lill-komunita'.

31.4.10 Is-Sindku għamel referenza għaċ-ċint li hemm fi Triq Hamri wara l-Grand Hotel li waqa' għal ġol-wied bix-xita qawwija li għamlet f'Novembru. Huwa spjega kif preżentament hemm il-periklu u propona li biex ikun jista jgħaddi l-ilma, minflok nerġgħu nagħmlu ċint kif kien, għandna nużaw ir-railing li kellna fi Pjazza 10 ta' Diċembru, fejn sar it-tarag. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

31.4.11 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-ħaddiem tal-Community Work Scheme, Darren Azzopardi, ma jixtieqx li jibqa jaħdem magħna għax ħassu li qed jaħdem ħafna u ma jkunx jista jieħu vacation leave kemm irid. Is-Sindku semma' li huwa ġie avviċinat rigward talba għal-trasferiment u minn naħa tiegħu rrisponda li ma tkunx problema sakemm jibgħatu replacement. Huwa spjega wkoll li hemm interess minn ħaddiem tal-Agrikultura Frank Borg sabiex jiġi trasferit bħala ġardinar f'Ta' Passi. Il-Kunsill aċċettah bil-qalb u nnota b'sodisfazzjon dan l-akkwist ta' ħaddiem ta' manutenzjoni f'dan il-post u għandna bżonn anke aktar ħaddiema għall-upkeep ta' dan is-sit.

31.4.12 Is-Sindku Kevin Cauchi propona li għandna naraw kif niġbru l-plastic li ntuża għax-xmara ta' Bethlehem f'Għajnsielem biex jerġa' jintuża għall-edizzjoni li jmiss.

31.4.13 Is-Sindku propona wkoll li għandna nibgħatu email ta' ringrazzjament lill-FSWS tas-servizz ta' tindif li tawna qabel l-edizzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Huwa propona wkoll li għandu jiġi organiżżat speċi ta' get together għal dawn il-ħaddiema biex nirringrazzjawhom. Huwa spjega wkoll kif għandna nistħarrġu sabiex insibu agreement ma' din il-kumpanija sabiex kull tant żmien jiġu f'Ta' Passi u ssir xi tip ta' manutenzjoni u tindif minnhom.

31.4.14 Il-Viċi Sindku għamel referenza għal fatt li sar xogħol tajjeb ħafna ta' manutenzjoni fuq l-istrutturi ta' Bethlehem f'Għajnsielem iżda rrimarka li minkejja dan innota li l-kisi diġa beda jinqala'. Huwa spjega sistema ta' kisi li għandha tiġi mplimentata li sservi għal ħafna snin. Dan il-proċess jieħu ftit fit-tul u jista' jsir fuq medda ta' xhur.

31.4.15 Is-Sindku Kevin Cauchi rrimarka li jinħtieġ li kemm jista jkun malajr jinbeda x-xogħol tal-ġiebja f'Ta Passi biex ikun jista jitħaddem l-irrigazzjoni. .

## 31.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

31.5.1 Il-Kunsillier Stephen Mercieca staqsa meta ser jinbeda xi patching fil-lokal. Is-Sindku wieġbu li fil-jiem li ġejjin, ser nibdew nagħmlu l-patching permezz tal-ħaddiema tagħna u l-makkinarju l-ġdid li xtrajna.

31.5.2 Il-Kunsillier Stephen Mercieca rrefera għal fatt li l-lukanda ta' Bethlehem f'Għajnsielem trid tinkesa. Is-Sindku kkonfermalu li peress li ż-żmien kien limitat, ma sarx kisi lill-istrutturi kollha u propona li għandna naraw fejn baqa' xi jsir u jinksew biex ma jġarbux aktar ħsarat.

31.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca faħħar it-tiżjin kollu li sar fil-lokal konness mal-Milied għax verament Għajnsielem kien jispikka fuq irħula oħra. Is-Sindku rringrazzja lil kull min taha s-sehem tiegħu u ħassu sodisfatt li bħala Kunsill akkwistajna mal-€25,000 minn skemi għal tiżjin u attivitajiet tal-Milied inkluż Bethlehem f'Għajnsielem, is-Siġra tal-Milied u t-tiżjin l-ieħor kollu.

31.5.4 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab sabiex nitolbu għal-Loading u Unloading space quddiem Lauretana Pharmacy fi Triq Mgarr. Sar qbil li għandna ngħaddu it-talba lill-Transport Malta għad-diskrezzjoni tagħhom speċjalment peress li tinsab fi triq arterja.

31.5.5 Il-Kunsillier Teddy Saliba rrefera għas-solar light li nstallajna mat-trakka tal-BMX u jidher li mhux biżżejjed. Sar qbil li għandna ninstallaw flood light biex iddawwal it-trakka kollha.

31.5.6 Il-kunsillier Teddy Saliba nforma b'sodisfazzjon li l-ħaddiem Frank Borg ser jiġi misluf lill-Kunsill mid-Dipartiment tal-Agrikultura. Il-Kunsill laqgħa bil-ferħa din l-aħbar u saret referenza wkoll għal fatt li nkomplu nagħmlu pressjoni mal-Awtoritajiet biex jingħata t-tieni ħaddiem ħalli s-sit Ta' Passi nżommuh fl-aħjar stat possibli s-sena kollha.

31.5.7 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għal fatt li l-qlugħ tad-dgħajsa tas-central strip ta' Triq iż-Żewwieqa baqgħet ma' saritx. Sar qbil li għandna naraw li ssir ma ddumx.

31.5.8 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-ilment li daħallu li qed jitħallew munzelli ta' boroż tal-iskart fi Triq il-Ġnien waqt il-ħin tal-gbir. Sar qbil li għandna niġbdu l-attenzjoni lix-xufier tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart.

## 31.6 Korrispondenza

31.6.1 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand l-Inspire sabiex issir bankina ġdida quddiem il-premissi tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jwettaq din it-talba.

31.6.2 Ġiet trattata l-email mingħand Michael Bongailas rigward it-Triathon fix-Xatt l-Aħmar nhar is-26 ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb b'din l-attivita' billi jħallas parti mill-ispejjes li ma tammontax għall-aktar minn €500. Il-Kunsill qabel li għandna niġbdu l-attenzjoni tal-organiżżaturi li kull fejn tissemma' l-attivita' għandu jidher il-logo tal-Kunsill u l-Kunsill għandu jkun mistieden għall-attivita'.

31.6.3 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand Transport Malta fejn tiċħad it-talba ta' reserved parking bay mitluba minn residenta li toqgħod fi Triq Ġużeppi Cauchi.

31.6.4 Ġie trattat l-appell tal-Awtorita tal-Ippjanar bin-numru PA 270/21 dwar il-bini ta' agricultural stores u reservoir u biex jiġu restawrati ħitan tas-sejjieħ fid-Daħla tal-Agħma Għajnsielem.

31.6.5 Ġiet trattata t-talba mingħand is-sorijiet sabiex issir mera fi Triq Lourdes.

31.6.6 Ġiet trattata t-talba mingħand resident biex isiru double yellow lines f'kull kantuniera li hemm ma' toroq oħra peress li kulħadd qed jipparkja fil-kantunieri.

31.6.7 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta biex il-give way sign fi Triq Barumbara kantuniera ma' Pjazza Tolfa issir Stop Sign.

31.6.8 Ġiet trattata t-talba mingħand ir-residenti Ciantar li joqgħodu fi Triq privata fi Triq l-Imġarr sabiex il-linji tat-triq faċċata ta' din is-side street jinbidlu fi broken white lines peress li jekk tkun ġej minn naħa ta' fuq (minn naħa tar-Rabat) ma tistax tidħol għal ġot-triq fuq il-lemin u wieħed jinħtieġ li jibda nieżel sar-Roundabout ta' Chambray u jdawwar lura. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lill-Transport Malta.

## 31.7 Updates Proġetti

**31.7.1 Proġett Pjazza Tolfa** - Is-Sindku spjega kif iltaqa' mal-perit u mas-Sur Joseph Bonello u sar qbil li għandha tinħareġ stima għas-siġar li ser jiġu mħawwla fil-post. Is-Sur Bonello provdielna lista tas-siġar addattati għall-post sabiex nitolbu stima għalihom mingħand suppliers differenti. Is-Sindku semma' wkoll li l-perit u d-designer Paul Stellini ddiskutew d-dettalji tal-bankijiet li jinħtieġ li nixtru kif ukoll tal-canopy. Huwa spejga kif saret laqgħa fuq il-post biex jiġi kkordinat ix-xogħol u li b'dawn l-aħħar irqaqat il-proġett jinġabar u eventwalment jiġi konkluż.

**31.7.2 Għajnsielem Learning Garden.** Is-Sindku spjega kif qed jiġi preparat it-tender tal-Playing Equipment biex malli jkun lest jiġi ppublikat. Sadanitant jista' jiġi ffirmat il-kuntratt tal-offerta tal-kostruzzjoni u jinbeda x-xogħol.

31.7.3 **Ħitan tas-sejjieħ Miżura 4.4.** Is-Sindku rrefera għall-fatt li l-ħitan taħt din il-miżura tlestew u l-Perit tagħna qed ikejjel biex jitħallsu l-kontijiet u wkoll naraw fadalx xi savings li jistgħu jintużaw. Is-Sindku spjega kif il-fondi kollha nħlew fit-triq tax-Xatt l-Aħmar peress li waqt l-andament tax-xogħol, il-kuntrattur kellu jinżel aktar għax kien kollu tafal u jekk ma ssibx il-blat ic-cement li jintuża jitlaq. Is-Sindku spjega l-preokkupazzjoni tiegħu li b'dan il-metodu li ntuża, flok għamilna il-proġett sħiħ kullma għamel huwa madwar 30% tal-proġett proġettat. Kellna aktar toroq li suppost li sarulhom il-ħitan iżda l-fondi ġew assorbiti. Is-Sindku spjega kif il-perit irid jagħmel il-kalkoli u jara x'jirriżulta u x'ġara. Sar qbil li sadanittant għandna nagħmlu Change Request bl-ispjegazzjoni ta' dan kollu u f'każ li jifdal xi tfaddil għandna nitolbu li s-savings jintefqu fit-toroq l-oħra li fadal.

## 31.8 Applikazzjoni ta' aktar skemi

31.8.1 Is-Sindku rrefera għall-iskemi li ġew imnedija riċentament u li għalihom il-Kunsill ser iressaq l-applikazzjoniet tiegħu.

31.8.2 Għall-iskema tal-attivitajiet kultura mnediha mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill qabel li għandu japplika għall-attivita' ta' Bethlehem f'Għajnsielem.

31.8.3 Għall-iskema mnedija mir-Reġjun Għawdex, dik tal-Parks, Ġonna u Spazji Pubbliċi, il-Kunsill qabel li għandu japplika għad-dwal tal-Għajnsielem Learning Garden.

31.8.4 Rigward l-iskema mnedija minn Ambjent Malta, dik tal-Urban Greening Scheme 2022, is-Sindku propona li għandna napplikaw għat-tisbiħ tat-taraġ tal-Għajn tal-Hasselin, ninkludu l-water catchment u wkoll indaħħlu xi ħdura fih billi fil-wisgħa tiegħu ninkludu xi planters fil-ġnub. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li peress li hemm xi djar li qed jittranġaw fl-inħawi naraw li jitlestew biex ma jagħmlux ħsara li dan it-taraġ. Is-Sindku propona wkoll li għal din l-iskema għandna napplikaw ukoll għal tisbiħ u ħdura quddiem l-iskola primarja. Din il-materja diġa ġiet diskussa mal-Prinċipal tal-Edukazzjoni.

31.8.5 Skema oħra li ġiet imnedija hija dik tal-Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal Playingfield Amabile Cauchi jew potenzjalment xi equipment f'Ta' Passi

**31.9 Applikazzjoni Miżura 4.3**

31.9.1 Is-Segretarja rreferiet għal fatt kif minn din il-miżura kien għad fadal xi savings. Hija spjegat kif saret Change Request sabiex jintuża għall- parti addizzjonali ta' Triq Bordin u din ġiet aċċettata. Kompliet tispjega kif waqt l-evalwazzjoni ta' din it-talba, rriżulta li l-ammont ta' savings kien akbar minn dak mitlub u aċċettat ta' €13,000. Ġie nnotat wkoll li f'artiklu 35 tal-offerta kien hemm indikat ukoll li talloka għall-30% variation fil-prezz tat-tender. F'dan ir-rigward ressaqna talba lis-Segretarju Permanenti biex tagħtina permess nuzawhom u wkoll ser nitolbu li biex inlaħħqu maż-żmien stipulat ituna permess li nkomplu biċċa triq oħra billi nużaw l-istess offerta bl-istess rati. Għadna qed nistennew ir-risposta iżda f'każ li naraw li mhux ser inlaħħqu mad-deadline taċ-Change request, dik tal-31 ta' Jannar 2022, għandna nitolbu biss estenzjoni u nimxu mal-approval tat-€13,000.

31.9.2 Sadanittant is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni ġdida li ġiet ppublikata tal-Miżura 4.3. Sabiex napplikaw għaliha rridu nkunu għalaqna l-Miżura ta' qabel. Għalhekk huwa propona li għandna naraw kif nagħlqu l-eżistenti billi jekk jirnexxielna nużaw il-variation billi nuzaw l-istess tender u l-istess procurement biex ma naħlux żmien. Inkella jipproponi li nieqfu hawn billi nużaw it-€13,000 li għandnna approvati u napplikaw għall-Miżura l-ġdida billi nagħmlu parti oħra tat-triq nkluż water culvert minħabba l-problemi li hemm bi qlib tal-ilma. Huwa għamel referenza għall-fatt li l-ispejjes tal-water culvert mhumiex eliġibbli u għalhekk iridu jiġu assorbiti mill-Kunsill.

31.9.3 Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li napplikaw parti oħra minn Ta Bordin, parti minn Merkanti u Triq ta' Taħt Chambray u parti minn Triq ix-Xatt l-Aħmar. Sar qbil li għandna niċċekjaw ukoll jekk nistgħux nagħmlu resurfacing lit-triq ta' Taħt Chambray.

31.9.4 Is-Sindku rrefera għal fatt li wara li l-WSC assigurawna li mhux ser jagħmlu new water system fi Triq Ta' Bordin, reġgħu lura mill-pjan u bgħatu email bil-pjan il-ġdid tagħhom. Is-Sindku spjega kif weġibnihom li dan huwa proġett ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea u ma jistax isir intervent fuq din it-triq qabel ħames snin.

## 31.10 Rapport dwar problema ta' għargħar

31.10.1 Is-Sindku rrefera għall-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand Mampalao Advocates f'isem klijenti tiegħu li joperaw negozju fil-Pjazza tad-Dehra u li kawża tal-maltempata li seħħet fil-11 ta' Novembru 2021 sofrew diveri danni. Huwa spjega kif l-ittra għaddejniha lill-Avukat Joshua Grech u rrispondejnihom fejn infurmajnihom li dan kien maltemp mhux normali u li l-Kunsill ma għandux kontrol fuq Acts of God u li minkejja li l-culverts kienu għadhom kemm tnaddfu ma setgħux jirċievu l-ammonti eżaġerati ta' ilmijiet li għamlu.

31.10.2 Sadanittant is-Sindku spjega li huwa għamel stħarriġ dwar min jista jgħinna f'pariri u pjanar kif jista jiġi limitat l-għargħar u ngħata kuntatt tal-Perit Philip Grech li jispeċjalizza fuq għargħar. Sar qbil li għandna nikkuntatjawh biex jagħtina guidelines ta' x'nistgħu nagħmlu u x'inhu l-aktar addattat għat-toroq tagħna fejn jinżlu ilmijiet kbar. Is-Sindku spjega wkoll kif għall-Playing Field Amabile Cauchi ser jirnexxilna nġibu flus mill-Ecogozo biex taħtu jsir water catchment kbir. Fil-parti t'isfel ta' Triq Wied ir-Rgħajjes huwa maħsub li ssir central strip u taħtha jsir speċi ta' catchment biex l-ilma jibqa sejjer direttament għal ġol-ġiebja li ser tiġi kostrutta taħt il-playing field. Dan kollu jkompli jgħin biex jittaffew l-għargħar.

31.10.3 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-kurduna fejn żamm l-ilma fil-playingfield u b'hekk seħħ l-għargħar. Huwa ssuġġerixxa li tiġi ssurrata bi ftit toqob biex ma jinżammx il-livell ta' ilma kif seħħ.

## 31.11 Sistema ta' CCTV

31.11.1 Is-Sindku Kevin Cauchi propona li għandna niċċekjaw l-kriterji u naraw kif nakkwistaw sistema tajba ta' CCTV biex inpoġġuhom f'public places bħalma huma madwar l-uffiċini tal-Kunsill, il-

Playing Fields, Belvedere Sant'Eliju u f'areas oħra li qed jispiċċaw dumping area. Il-Kunsill qabel fil-kunċett u għandna niġbru stima u wara niddeċiedu fejn ser ninstallawhom.

**31.12 Community Police f'Għajnsielem**

31.12.1 Preżenti għal-laqgħa kien hemm ukoll it-team tat-twaqqif tal-Community Policing f'Malta. Preżenti kien hemm Mr Bull, is-Supretendent Joseph Hersey, l-ispettura Gabby Gatt, is-Surġent John Grima u s-Surġent Jason Xerri li qed imexxu l-Community Policing f'Għawdex u l-Community Police t'Għajnsielem Carm Gatt. Huma spjegaw kif finalment dan is-servizz ġie ntrodott ukoll f'Għawdex wara li l-Community police temmew xahrejn training f'Malta. Ġie spjegat id-differenza fit-tasks li għandhom il-Community Police vis-a-vis mal-Pulizija tad-Distrett. Ġie spjegat li meta tinqala' urġenza u l-Community Police ma jkunx xogħol, ir-rapport għandu jgħaddi mmedjatament fil-kwartjieri tal-Pulizija iżda meta jkun ilment li jista' jistenna ikun aħjar li jittrattah il-Community Police. Ġie spjegat kif darba fix-xahar ser jibqgħu jsiru laqgħat regolari mal-Pulizija kif ukoll li l-Community Police huwa mitlub jipprovdi rapport tal-ħidma tiegħu ta' kull ġimgħa.

31.12.2 Is-Sindku Kevin Cauchi f'isem il-komunita' ta' Għajnsielem irringrazzjahom talli ġew fostna u faħħar tassew dan is-servizz tant essenzjali għall-komunita' tagħna. Huwa spjega kif ikompli jħares pożittiv lejn din l-introduzzjoni speċjalment għal fatt ukoll li f'Għajnsielem qed nospitaw proprju l-headquarters ta' din iż-żona. Huwa jħares il-quddiem sabiex jara kif ser jopera u r- riżultati li ser jinħarġu minn din l-iskema. Huwa talab sabiex ikollna idea tal-iskeda tal-ħinijiet li fihom jkun preżenti l-community police fil-lokalita' tagħna peress li ser ikun qed jaqsam mill-ħin tiegħu ma' lokalita oħra. Huwa spjega wkoll li mportanti li n-nies ikunu komunikati dwar dan is-servizz innovattiv li żgur li ser jintlaqa' tajjeb ħafna. Faħħar ukoll ir-relazzjoni tajba ħafna li għandna mas-Supretendent Hersey u li niltaqghu u nikkuntatjawh b'mod regolari.

31.12.3 Waqt din il-laqgħa sar qbil li għal kull attivita' li jorganizza l-Kunsill, huwa mportanti ħafna li l-Community Police ikun mistieden.

## 31.13 Wara l-attivitajiet tal-Milied

31.13.1 Is-Sindku Kevin Cauchi faħħar kull inizjattiva li ttiteħdet biex kellna attivitajiet tal-Milied u tiżjin mill-isbaħ. B'referenza għall-Bethlehem f'Għajnsielem is-Sindku rringrazzja lill-Ministeru għal Għawdex tal-għajnuna għax litteralment irnexxielna nagħmlu l-mirakli f'qasir żmien. Huwa spjega li minkejja li l-attivita' kellha titħassar minħabba r-restrizzjonijiet, il-post inġabar u permezz t'hekk naraw li nipproteġuh u nżommuh f'kundizzjoni tajba. Is-Sindku rringrazzja lil kull min ta' s-sehem tiegħu speċjalment lil-Viċi Sindku Franco Ciangura u t-team ta' voluntiera fl-installazjoni tas-Siġra tal-Milied u Bethlehem f'Għajnsielem. Il-Viċi Sindku minn naħa tiegħu rringrazzja lil kulħadd għas-sehem tiegħu u għal ħafna nies li żaruna bi kliem ta' tifħir.

31.13.2 Il-Viċi Sindku spjega kif għal sena oħra jixtieq li jżid b'attrazzjoni ġdida li tinkludi f'żewġ linef waħda fil-bidu ta' Triq Fawwara u oħra fil-bidu ta' Pjazza Indipendenza.

31.13.3 Il-Kunsillier Larry Buttigieg propona li għandna nikkuntatjaw il-parroċċa u naraw fuq il-possibilita' li nagħmlu Christmas Market madwar is-siġra. Sar qbil li għandna niddiskutu din il-materja u nitolbu lill-parroċċa l-permess tagħha dwar l-użu tal-pjazza.

31.13.4 Il-kunsllier Larry Buttigieg propona wkoll sabiex inżejnu Triq il-Mogħdija bħala entratura oħra għall-lokal. Is-Sindku wieġbu li tkun idea tajba iżda rridu niċċekjaw mal-Għaqda Armar jekk hemmx arbli.

## 31.14 Twaqqif ta' grupp ta' Tindif

31.14.1 Is-Sindku rrefera għall-kuntatt li kellu mill-grupp ta' Nadur Nadif fejn issuġġerew li aħna wkoll inwaqqfu grupp li jiffoka fuq it-tindif f'Għajnsielem. Huwa propona li noħorġu sejħa għall-grupp ta' voluntiera u ngħinuhom bis-sapport tagħna . Huwa spjega kif il-Kunsill tagħna huwa minn ta' quddiem għal

Cleanups u għalhekk dan għandu jkun suċċess. Il-Kunsill qabel ma' dan u din il-materja ġiet fdatha lill-kunsillier Teddy Saliba.

31.14.2 Il-kunsillier Larry Buttigigieg propona li għandna nagħtu rikonoxximent lill-grupp Nadur Nadif u The Cast-Out group tal-għajnuna li dejjem insibu minn għandhom.

## 31.15 Premjazzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-Milied

31.15.1 Waqt il-laqgħa ġew mistiedna r-rebbieha kollha tal-kompetizzjonijiet tal-Milied. Ġew premjati t-tfal li rebħu l-kompetizzjoni tal-kartolina tal-Milied kif ukoll ingħata voucher ta' €30 li kull min ha sehem fil-kompetizzjoni tal-presepji, faċċata u twieqi peress li l-ġurija ma laħqux marru jżuruhom u b'hekk iddeċidejna li nagħtu premju lil kull min ha sehem.

## 31.16 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Impjegati

31.16.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ppreżenta l-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. Huwa propona li s-Sinjura Haber tingħata l-Performance Bonus massimu ta' 10% tas-salarju tagħha peress li twettaq xogħolha tajjeb ħafna u taghmel l-almu kollu taghha, anke ħafna drabi wara l-ħin tax-xogħol tagħha sabiex tara lill-Kunsill jimxi ' l quddiem u jispikka fuq oħrajn speċjalment f'dawk li huma applikazzjonijiet ta' skemi u tmexxija tal-Proġetti tal-Unjoni Ewropea li jirrikjedu dedikazzjoni sħiħa. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' dan u li għandha tingħata l-massimu bil-qawwa kollha. Is-Segretarja minn naħa tagħha rringrazzjat lill-Kunsill tal-fiduċja li għandhom fiha u tal-apprezzament ta' xogħolha u sens ta' teamwork li jaħdmu bih u li permezz tiegħu tikkunsidrahom bħala t-tieni familja tagħha. Dan kollu jimmotivaha biex taħdem ħafna u ħafna aktar.

31.16.2 Fir-rigward tal-istaff, is-Segretarju Eżzekuttiv proponiet li għandhom jingħhataw il-Performance Bonus massimu. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan.

## 31.17 Materji oħra

31.17.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

## 31.18 Approvazzjoni tal-Pagamenti

31.18.1 Is-Segretarja ressqet l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

## 31.19 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

31.19.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata mingħajr data.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**